MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 358/2013

**Easy Gas Malta Limited (C-45789)**
Vs
**Geomike Limited (C-8820)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici l-ammont ta' hames mija erbgha u ghoxrin ewro  disgha u hamsin centezmu (€524.59) dovut ghal gas mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta;  bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra nterpellatorja tas- 6 ta' Mejju 2013 u bl-imgħax legali mill-11 ta' Jannar 2013 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta nsubizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-05 ta' Frar, 2014 mill-Avukat Anthony Cutajar u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula llum minn Dr.Anthony Cutajar ghas-socjeta' attrici f'liema dikjarazzjoni Dr. A. Cutajar iddikjara li fil-mori ta' dan id-differiment, is-Socjeta' konvenuta kienet ghamlet pagament ta' mitt euro (Eur 100) akkont ta' l-ammont dovut minnha lis- Socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro disgha u hamsin centezmu (€424.59) u dan bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Mejju 2013 u bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Jannar, 2013 sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------